A.L. 183 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għal Kliniċi Mediċi Privati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 (2) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għal Kliniċi Mediċi Privati, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Liċenzi għal Kliniċi Mediċi Privati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 161 ta' l-1995.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minnufih wara d-disa' partita "Kirurġija għal ipertensjoni portali" għandha tiżdied l-għaxar partita "Trapjant ta' organi irrispettivament minn jekk l-organu jitteħidx minn kadavru jew minn donatur ħaj".